MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 449/2003

**Nathalie Spiteri**

**vs**

**Frank Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Mejju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut gewwa Somerset l-Ingilterrra fit-3 ta' Mejju 1997.

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg, *oltre* li rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1997 huwa null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1997 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process;

Rat li l-konvenut ta ruhu notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2003 izda baqa' kontumaci, *stante* li ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2003 fejn il-parijiet ipprezentaw l-affidavits rispettivi taghhom u l-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat l-affidavits ta' Antoine Vassallo tat-22 ta' Ottubru 2003, ta' Mirielle Pellegrini Petit, ta' l-attrici, ta' Gillian Foley, ta' Malcolm Spiteri u tal-konvenut ilkoll datati 21 ta' Ottubru 2003.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg in ezami lill-kunsens vizzjat tal-konvenut *inter alia* skond d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 dwar iz-Zwieg, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi s-subincizi ta' l-**artikolu 19 (1)** ta' l-**Att XXXVII ta' l-1975,** li ghalihom qed tirreferi l-attrici, jipprovdu li zwieg ikun null:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mil-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewa, jew fuq id-dnittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja ii taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bleskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewa, jew tad-dnitt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character,*

*affective immaturity and an emotionally unstable personality Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) **"Suzanne *sive* Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002; **"Joseph Farrugia vs Marthese Fsadni"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u ohrajn u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* (***Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi ssir riferenza ghas-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) fejn inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-

Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula lkunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew*

*xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-

familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power."*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fii-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000), u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi l-attrici tirreferi ukoll ghall-**artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"**(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

**(ii) Apprezzament tal-Provi.**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attrici kellha trobbija difficli fejn hija tirrakkonta kif il-genituri taghha divorzjaw meta hija kellha biss sentejn gewwa l-Ingilterra u wara li ommha ltaqghet ma' ragel Malti gew Malta u zzewgu, pero' jidher li l-istess attrici kellha relazzjoni difficli mar-ragel ta' ommha li ma tantx kien jistmaha u wara rrakkontat il-martirju li ghaddiet minnu minhabba l-marda ta' ommha. Irrizulta li l-istess attrici ntbaghtet l-Ingilterra biex tghix ma' oht ommha u giet b'hekk mifruda minn ommha f'dan il-mument difficli. Ommha mietet fit-8 ta' Dicembru 1988 u peress li r-ragel ta' ommha baqa' ghal kollox distakkat minnha hija kellha terga' tmur l-Ingilterra fejn marret tghix ma' hutha subien. Kien hawn li ltaqghet mal-konvenut li meta raha fl-istat li kienet irrangalha sabiex tinzel lura tghix f'Malta go *flat* mikri. L-attrici kien ghad kellha biss sbatax-il sena. Wara ftit beda joqghod maghha. Bdiet taghmilha mal-hbieb li kellha u ftit ftit dawn bdew jizzewgu u allura bdiet taghmel pressjoni fuq il-konvenut biex huma wkoll jiehdu l-istat taghhom.

Illi jidher li fl-ahhar il-konvenut accetta u l-istess partijiet izzewgu fl-Ingilterra fit-3 ta' Mejju 1997. Jidher li l-hajja bejn l-istess partijiet kienet kollha problemi *stante* li

assolutament ma kienx hemm affjatament ta' mahbubin bejniethom. Dan apparti l-fatt li l-istess attrici qatt ma kienet accettata minn omm il-konvenut, li kienet vicin hafna l-istess konvenut.

Illi ntant l-istess bruda kompliet matul il-hajja taghhom kollha flimkien tant li ghalkemm xtraw dar din qatt ma tlestiet u meta skond l-attrici l-konvenut wiret Lm10,000 dawn tahom lil ommu sabiex tixtri appartament. Il-partijiet baqghu jitbieghdu minn xulxin u l-attrici tghid li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra. Fl-ahhar tar-relazzjoni taghhom qal li kien qal lil Mireille Pellegrini Petit (li hija *clinical psychologist*), li ma kienx ser jibqa' ma' l-istess attrici u kien sejjer jghix ghal rasu. Fil-fatt hekk ghamel u fi Frar 2002 inbieghet id-dar taghhom u l-konvenut mar jghix ma' ommu, mentri l-attrici kriet dar Bahar ic-Caghaq.

Illi fuq ir-relazzjoni tal-partijiet xehdet Mireille Pellegrini Petit li spjegat li l-problemi bejn il-koppja kienu konstanti minn wara cirka sena miz-zwieg. Dan kien l-ewwelnett ghaliex il-konvenut kien jippretendi li l-attrici kellha tkun id-dar tiehu hsieb il-bzonnijiet li jinqalghu, (ghalkemm dwar dan l-attrici kienet tghid li lanqas kellha l-facilitajiet bazici sabiex taghmel dan. It-tieni nett ir-relazzjoni ta' l-attrici ma' omm l-konvenut, fejn il-konvenut kien maqsum bejn ommu u l-istess attrici. Kien hemm ukoll il-fatt li l-istess konvenut deher car mill-kuntatt li l-istess xhud kellha mal-konjugi Spiteri li huwa ma kienx komdu bit-tfal u kienu juri li ma xtaqx tfal. Dan wassal sabiex il-konvenut beda jfittex affarijiet ohra sabiex jikkuntenta lilu nnifsu u fl-ahhar kien avvicinaha u qalilha li kien ser jitlaqha ghaliex ma setghax jissaporti dak li sejjah bhala n-nuqqasijiet ta' ndafa fid-dar. Fil-fatt huwa ried ukoll li jilhaq l-ghan tieghu billi jsegwi dak li verament kien jixtieq jaghmel, li ovvjament ma kienx jinvolvi lill-attrici.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jispjega li huwa ltaqa' ma' l-attrici meta kellha biss erbatax-il sena mentri hu kellu dsatax. Huwa spjega kif zamm il-kuntatt maghha fl-esperjenzi kollha li hija kellha tghaddi minnhom minhabba l-istat ta' ommha u tar-ragel ta' ommha. Dak iz-zmien (fi Frar 1989) l-attrici kienet tghix f'kamra zghira ma' zewg

tfajliet ohra fl-Ingilterra, u hu rrangalha sabiex tigi lura Malta. Huwa sab *flat* ghaliha u huwa stess jghid li hawn bdiet il-kwistjoni bejn ommu u l-istess attrici, *stante* li ommu qatt ma hasbet li l-konvenut eventwalment kien ser imur joqghod ma' l-attrici. Fil-fatt il-konvenut, kif *di piu'* tghid l-attrici hekk ghamel. L-istess konvenut jghid li huma ghexu bhala hbieb, l-ewwel ghaliex l-attrici kienet tfittex aktar lil hbieba, u wkoll peress li wara ftit taz-zmien huwa hass li l-istess attrici ma kenitx qed tiehu hsieb id-dar. Peress li l-konvenut isostni li hu ma kienx imrobbi hekk, dahlet certa bruda fir-relazzjoni taghhom u beda jhares lejn l-attrici aktar bhala habiba milli haga ohra.

Illi kien f'dan il-mument li l-attrici bdiet tippressah biex jizzewgu u certament li f'dik is-sitwazzjoni huwa ma hassx li kien lest ghal din ir-relazzjoni. Fil-fatt dan dam ma sehh ghaliex il-konvenut kien dejjem ippospona li jiehu dan il-pass. Huwa hass li l-attrici kienet tfittex lill-hbieb, u ma riditx ikollha relazzjoni ntima mieghu, izda fl-1997 xorta wahda zzewgu ghalkemm fi kliemu kien hemm diversi affarijiet li dejquh fuq l-attrici l-aktar ghaliex huwa jghid li kienet aktar tittrattah bhala membru tal-familja taghha milli bhala r-ragel taghha. Jidher car li fil-fatt xejn ma nbidel biz-zwieg u r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti baqghu bierda, tant li mix-xhieda kollha tal-konvenut jirrizulta li bl-ebda mod ma ried li jkollu tfal f'dawn ic-cirkostanzi. Dan kien il-bidu tat-tmien ta' din ir-relazzjoni u fl-ahhar mill-ahhar l-konvenut telaq lill-attrici.

Illi minn dan kollu jidher car li l-attrici zzewget lill-konvenut biss ghaliex dan kien ghaliha l-akbar habib taghha u fuq kollox kien il-persuna li gabha lura lejn Malta u li taha l-possibbilta' li tghix fl-ambjent li riedet tghix fih hi. Fil-fatt ghalkemm l-istess partijiet ghamlu hafna snin flimkien qatt ma setghu jaghmlu l-pass minn hbieb ghall persuni li verament ihobbu lill xulxin bhala ragel u mara; fil-fatt l-istess konvenut izzewweg lill-attrici biss minhabba l-insistenza taghha, *stante* li jidher car li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens ta' l-istess zwieg, huwa mhux biss kellu dubji kbar fuq l-attrici, izda adirittura kien konvint li ma' setghax ikun ferhan maghha, proprju minhabba d-difetti li f'ghajnejh kien jara fiha.

Illi fil-fatt jidher car li l-partijiet qatt ma kellhom dak l-impenn sabiex jghixu flimkien bhala familja u kellhom nieqes l-affezzjoni necessarja bejn koppja mizzewga u l-*consortium vitae* li huwa l-element l-aktar essenzjali taz-zwieg, tant li huma kienu biss jikkonsultaw ruhhom ma' xulxin bhala hbieb minghajr qatt ma taw ruhhom verament lil xulxin. Min-naha ta' l-attrici ghaliex hija kellha l-interessi taghha, mentri l-konvenut kemm ghaliex ukoll kellu l-interessi tieghu, u anke ghaliex baqa' vicin wisq lejn ommu li ma tantx kienet tmur tajjeb dik li hu ha bhala martu.

Illi dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkudi li l-kunsens ta' kull parti f'dan iz-zwieg kien vizzjat b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha *stante* li z-zwieg ma jesigix biss li koppja tghix flimkien, izda hafna izjed minn hekk. Dan kif jinsab espost aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha a bazi ta' vizzju ta' kunsens taz-zewg partijiet *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi apparti dan jidher li l-istess konvenut mhux biss izzewweg kontra qalbu, izda mill-ewwel ghamilha cara u kien determinat li ma jkollux tfal minn dan iz-zwieg ghar-ragunijiet minnu dikjarati b'certu zelu fl-affidavit tieghu. Certament dan fih innifsu huwa bazi ohra ta' annullament taz-zwieg, *stante* li l-prokreazzjoni ta' l-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u bl-eskluzjoni ta' l-istess, il-kunsens tal-konvenut jirrizulta vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1997 f'Somerset fl-Ingilterra

huwa null u bla effett legali u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------